# JUM L-OPRA PIJA TA' L-ART IMQADDSA JEW TAL-QABAR TA' KRISTU

Dħalna, anzi qbiżna aktar minn nofs ir-Randan, u wasalna biex infakkru l-mewt tal-Feddej tagħna bil-Ġimgħa l-Kbira, bit-tiġdid liturġiku kollu tagħha, kif irid il-Konċilju Vatikan II. Il-Papa, Pawlu VI, f'"Udjenza publika" kien wissa lill-kotra ta' semmiegħa biex jilqgħu bil-qalb u b'imġiba nisranija t-tiġdid kollu liturġiku, li m'għandux għan ieħor ħlief li jġiegħel lin-nisrani jifhem aktar u aħjar l-għoli u l-għaġeb tat-tifsir moħbi tal-kult kattoliku, b'resqien aktar ġewwieni, mifhum u mħeġġeġ lejn Alla, li Huwa fina u li jrid jibqa' fina. Randan, immela, b'xeħta ġdida u qaddisa, li jmexxi l-erwieħ bħajja u f'ħajja ġdida, li tidher u turi ruħha, imbagħad, f'jum il-Għid, mat-tifkira tal-Qawma minn bejn l-Imwied ta' Kristu mill-Qabar Tiegħu, b'għemejjel qaddisa ta' drawwiet tajba, ta' ħarsien bir-reqqa ta' dmirijietna reliġjużi lejn il-Mulej u lejn għajrna. Hu dan il-programm nisrani li jwassal fis-Sema lil min jagħmlu, imma li jieħu fl-infern (Alla ħares qatt!) lil min jistmerru b'għamilu.

Il-Missjunarji ta' l-Art Imqaddsa, fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, fil-funzjonijiet kbar tagħhom immexxijin mill-Beatitudni Tiegħu l-Patrijarka jew mir-Rev.mu P. Kustodju, għal dak li hu tiġdid liturġiku, (b'dispensa mill-Papa), jagħmlu biss dak li jistgħu u li ma jistax ikun ta' tfixkil għal funzjonijiet ta' l-"insara ħutna mifrudin", li hemmhekk magħna jgħixu. Jibqa' fis-saħħa tiegħu kollha dak li l-Papiet dejjem amru fuq il-Jum "Opra Pija tat-Terra Santa jew tal-Qabar ta' Kristu", jiġifieri, dak il-jum, li fih il-W.R.P. Kommissarju jiġi jżurkom fil-parroċċa tagħkom jitlobkom għajnuna u jnewlilkom idejh biex ittuh xi ħaġa tal-flus biex bihom jkunu jistgħu jinżammu l-Imkejjen Imqaddsa tal-Fidwa tagħna u dawk l-opri l-oħra reliġjużi, soċjali u ċivili ta' karità u ta' beneficenza marbutin ma' l-"Opra Pija" tal-Qabar ta' Kristu kien maqtugħ mill-Papiet li jum l-"Opra Pija" jsir nhar il-Ġimgħa l-Kbira, iżda ħallew ukoll fir-rieda tagħhom lill-Eċċellentissmi Isqfijiet Djoċesani li jistgħu jagħmluha f'jum ieħor li jkun aktar jaqblilhom; dak li l-aktar jinħtieġ hu: *"li jfissru lill-Insara tagħhom bid-dmir li għandhom li jħarsu u jżommu għall-Knisja Kattolka l-Imkejjen Imqaddsa ukoll jekk dan jitlob minnhom xi sagrifiċċju"*.

Il-Papa Pawlu VI, meta dan l-aħħar kien bierek l-ewwel ġebla għas-Santwarju-Bażilka tal-"Primat ta' Pietru" li sa jinbena fix-xtajta tax-xmara ta' Tabarija, lill-ġabra Patrijiet li kienu hemm fil-Vatikan mar-Rev.mu P. Ġeneral ta' l-Ordni u mar-Rev.mu P. Kustodju tat-Terra Santa, qalilhom: *"Xandru, u qanqlu dejjem iżjed fid-dinja l-ġibda u l-imħabba għas-Santwarji tal-Palestina imbierkin u mqaddsin mid-dehra ta' Kristu fihom. La tiqfux li tkomplu tiswew u tagħmlu l-ġid lil dawk l-Insara, bħalma s'issa, u dejjem"*.

B'fiduċja kbira, li kliem il-Papa jiftiehem sewwa u jiswa ta' ġid kbir, f'isem il-Kustodja tat-Terra Santa, rroddu ħajr lill-Eċċellentissmu Arċ-

isqof Metropolita ta' Malta u lil Dak tad-Diocesi ta' Għawdex; lir-Rev.mi Kappillani u Retturi tal-Parroċċi u tal-Knejjes; lill-insara taż-żewġ gżejjer tagħna li, b'qalb tassew ġeneruża, dejjem fehmu u għenu l-"Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu" u lil kulħadd naghtu l-isbaħ u l-aħjar xewqat ta' qalbna, waqt li nassigurawhom ukoll mit-talb tagħna u minn dak tal-Missjunarji u ta' l-Insara ta' l-Art Imqaddsa.

P. NICOLA MAGRO,
O.F.M.
*Kummissarju tat-T.S.*

---

## ĊIFRI LI JITKELLMU WEĦIDHOM

## IL-ĦIDMA TAL-KUSTODJA FRANĠISKANA TAT-TERRA SANTA

**ĦIDMA RELIĠJUŻA**

21 Santwarju u 45 Kappelli.
39 Parroċċa b'85,000 fidili.
11 Knejjes sukkursali.
81 Kappellaniji.
495 Missjunarji f'74 Kunventi.
2 Kulleġġi Serafiki.
78 Kummissarji mxerrdin maddinja.
1 Delegazzjoni f'Ruma.

**ĦIDMA SOĊJALI**

80 skola għall-bniet u għas-subien b'aktar minn 6,000 tfal subien u bniet.
6 Kulleġġi b'1,800 edukanti.
10 Orfanatrofji għall-iltiema.
8 Uffiċini tas-snajja.
3 Tipografiji.
1 Fotozinġografija.
1 Kalvonoplastika.

---

# IL-GĦAĠĠIEBI

Darba waħda kien hemm raġel Portugiż li mar jagħmel żjara lil Ġerusalemm. Issa l-Portugiżi huma nies li jħobbu jgħaġġbuha (ara kemm, li nemusa jgħidulha *iljunfant tal-ajru*; u għandhom biċċa flus żgħira, daqs ħabba, li jgħidulha *reis*, u meta jsemmu l-flus, ma jgħidux *għandi lira*, imma jgħidu: *għandi elfejn, tmien mija u tmenin reis*). Mela dan il-Portugiż kellu miegħu żagħżugħ minn Ġerusalemm, biex idawwru l-knejjes ta' hemm.

Jum wieħed, wara li daru dawra mal-knejjes, marru jaraw is-suq, u raw raġel ibigħ it-tin. Il-Portugiż saqsa lil dak li kellu miegħu: "Dan xi frott hu?" U dak wieġbu: "Dana tin". Raġa' l-Portugiż: "X'waħda din, kemm hu żgħir it-tin tagħkom! It-tin ta' pajjiżna kull tina daqs għaxra minn dawn!" Raw ieħor ibigħ il-lariġ u d-dulliegħ. Saqsa l-Portugiż: "U dan xi frott hu?" Wieġbu dak li kien miegħu: "Dan lariġ u dak dulliegħ". "X'ċokon ta' frott jagħmel pajjiżkom, għidli haġa?" raġa l-Portugiż. F'pajjiżna l-lariġ hu daqs dik li int għedtli li hi dulliegħa; u d-dulliegħ, daqs kemm hu kbir, ħmar tnejn biss jifilħ minnhom; waħda kull naħa!"

Raw ieħor ibigħ it-tadam miċ-ċatt, u l-qara', aħmar u l-Portugiż saqsieh dak il-frott x'kien, u ta' Ġerusalemm wieġbu li kien tadam u qara' aħmar. Dak beda jrodd is-slaleb. Dan hu t-tadam tagħkom?" saqsieh imgħaġġeb." It-tadam ta' pajjiżna hu kull waħda daqs dik li int għedt